MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2006

Numru. 636/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

v

**RAYMOND CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **RAYMOND CAMILLERI** ta' tnejn u ghoxrin sena, bin Joseph u Coronata nee Muscat, imwieled Victoria, Ghawdex nhar t-tlettax ta' Settembru 1979 u residenti “Metallica” Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 22979G gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin [27] ta’ Settembru, 2005 ghal habta tal-hdax ta’ filghodu, waqt li kien isuq vettura [motocycle] tal-ghamla Suzuki isfar f’Ghajnsielem, Ghawdex;

1. Naqas jobdi minnufih, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul lilu mill-Pulizija;
2. Saq l-imsemmi mutur minghajr pjanci li juru l-marka tar-registrazzjoni;
3. Saq l-imsemmi mutur tal-marka Suzuki minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta;
4. Saq l-istess mutur meta ghal uzu ta’ din il-vettura ma kienetx issehh polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni;
5. Talli fl-istess data, hin u post saq dan il-mutur b’manjiera perikoluza;
6. Talli fl-istess data, hin u post saq dan il-mutur b’velocita’ accessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 1464 Michael Portelli, PC 1371 Alfred Grech, lil Saviour Farrugia bhala rappresentant tal-ADT.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti t-tieni [2] w it-tielet [3] akkuza ma jirrizultawx ppruvati b’mod sodisfacenti w ghalhekk il-Qorti **tiddikjara li ma ssibx lil imputat RAYMOND CAMILLERI hati taghhom.**

Tiddikjara pero, wara li rat **r-Regolament 124(1) u 127 tal-Avviz Legali 128/1994, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ssib lil imputat RAYMOND CAMILLERI hati tal-ewwel [1], r-raba [4], l-hames [5] w is-sitt [6] akkuza u tikkundannah ghal hlas ta’multa komplessiva ta’ elf lira maltin [LM1000].**

**Oltre dan ai termini tal-artikolu 15(1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------